**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 8 ta' Mejju 2025**

**Rikors Guramentat Nru: 167/2013 AGV**

**MG**

**Vs**

**PG**

Il-Qorti,

Wara li rat is-sentenza tal-Qorti tal-Appell datata 11 ta' Jannar, 2024 li permezz taghha hassret id-digriet li nghata mill-Ewwel Qorti li ordnat l-isfilz tal-affidavit tal-konvenut mill-atti u hassret ukoll is-sentenza appellata tad-19 ta' Novembru, 2022.

Wara li l-istess Qorti tal-Appell ordnat illi l-atti jergghu jintbaghtu lura lil dina l-Qorti sabiex isir il-kontro-ezami tal-konvenut.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Semghet lill-konvenut in kontro-ezami.

Rat is-sottomissjonijiet tal-partijiet.

**<u>IKKUNSIDRAT:</u>**

Il-Qorti sejra terga' tesamina l-provi kollha li kienet gia' esaminat fl-ewwel sentenza, fid-dawl ta' dak li xehed il-konvenut fl-affidavit tieghu u fid-dawl ukoll tal-kontro ezami illi sarlu.

**<u>Fatti</u>**

1. Il-konvenut ighid li kien iltaqa' mal-attrici tramite hbieb komuni meta jinserta kien jigi Malta. Iktar tard sar jaf li l-attrici kienet marret tghix Londra u kien ghamel kuntatt maghha. Kien sab li ma tantx kienet qed tghix f'ambjent sabih u anke ma kinitx qed taghmilha ma' kumpanija tajba. Kien ghalhekk ippropona li jsibu appartament u jmorru jghixu ghar-rashom.
   Wara certu zmien iddecidew li zzewwgu u kien ghalhekk li nizel Malta u organizza t-tieg, fejn izzewwgu fit-22 ta' April. Mill-ewwel l-attrici kienet inqabdet tqila u kellhom lil C  u wara lil R.  Il-konvenut

jammetti. Ii pprova jibni hajja hawn Malta, izda ma kienx facli ghalih isib impjieg.

Fl-ahhar sab xoghol u ma regax mar lura lejn l-Inghilterra. L-ahhar impjieg sal-pensjoni kien dak li kellu mal-Malta Enterprise. Jinnega li kellu problemi fuq ix-xoghol minhabba li kien jixrob.

Sakemm dam jahdem jispjega li l-attrici kienet tiehu hsieb it-tfal u ghal hames u sitt snin kienu jghixu mill-paga tieghu. Fejn kienu jidhlu t-tfal kien jiehu hsiebhom u anke kien johroghom kemm fis-sajf kif ukoll fix-Xitwa ghal kuntrarju ta' dak li qed isostni l-attrici li kienu jghixu hajja tal-wahx u terrur, fejn il-konvenut kien dejjem fis-sakra u jhedded u jkisser dak kollu li kien isib.

Ighid ukoll li kien hemm element ta' egozimu da parti tal-attrici u dan hareg car meta ghazlet li tmur vjagg lejn Milan mal-habiba taghha, meta kienet taf li ommha ma kinitx qiedghda f'stat ta' sahha tajba. Tant hu hekk li kellha tigi rikoverata l-isptar u anke operata, izda ma setax isib l-ebda membru tal-familja tal-attrici sabiex jiffirmaw ghal dina l-operazzjoni. Fl-ahhar kien sab missier l-attrici u kien anke kkuntatja lill-attrici sabiex tinzel lura Malta u fil-fatt hekk ghamlet u ftit hin wara li waslu ommha mietet.

Izid ighid ukoll li kienu johorgu hafna flimkien u kienu jdumu u l-attrici gieli kienet tkun fis-sakra mejta. Fil-weekend ighid li dejjem hargu flimkien u anke mat-tfal.

Dwar il-problema tad-droga tat-tifel ighid li dan il-vizzju wassal sabiex binhom stess beda jisraq oggetti ta' valur mid-dar biex isostni dan il-vizzju u dan ikkrea hafna problemi f' hajjithom. Kien irnexxielu jdahhal lit-tifel f'programm u kien ghamel zmien li kien miexi tajjeb

sakemm rega’ beda t-triq tad-droga. Kien imbaghad emigra lejn l-Irlanda u hemmhekk ma jidhirx li kien miexi tajjeb, tant li kkommetta attentat ta’ suwicidju. Meta sar jaf dan il-konvenut jispjega li ried jitla’ mat-tifla C , pero’ l-attrici bdiet tinsisti li riedet tmur hi u ghalhekk hu baqa’ Malta jiehu hsieb id-dar u l-annimali.

Kienet inqalghet problema ohra ghaliex binhom ma setax jinzel bl-ajurplan u kellhom jinzlu *overland.* Kien irrifonda l-ispejjes kollha li qaltlu li kienet nefqet l-attrici u meta beda jilmenta mat-tfajla ta’ binhom R, dwar dina l-kwistjoni kienet sorpriza peress li l-attrici kienet torqod l-isptar u tiekol b’xejn minn hemmhekk. Meta kkonfronta l-attrici kienet ammettiet mieghu li kienet tonfoq fuq hwejjeg u make-up waqt li kienet toqghod iddur id-department stores ghax kienu rhas.

Il-konvenut ikompli jispjega li l-attrici bdiet tinqata’ ghar-rasha u tahseb ghaliha nnifisha u tghid kontrih. Kienet siefret ma’ kuginitha fejn qabel lanqas kienu jitkellmu u kien oppona ghal dina s-safra, peress li l-attrici kienet siefret ftit qabel. Dan wassal ghall-glied kbir bejniethom, tant li meta rritornat, l-attrici bdiet tohrog ghar-rasha.

Il-konvenut isemmi li l-incident li wassal sabiex jitlaq lill-attrici ghal kollox kien meta sabha mnezza’ fis-salott ma’ mara ohra Janet li kienet habiba tal-attrici. Kien mar ha parir minghand patri fil-Knisja tal-Karmnu tal-Belt u kien tah parir ta’ habib veru. Kien qallu li jekk jitlaq ser ibatu t-tfal u ghalkemm baqa’ jmur jarah ghal zmien twil, il-ferita kienet kbira u ghamel zmien twil ma jridx joqghod fil-presenza

taghha. Jaghti tort lilu nnifsu ta' dan kollu li gara peress li kien hanin izzejjed maghha.

Il-konvenut jichad li huwa xi persuna irresponsabbli anzi jsemmi li jiehu hsieb lil huh li huwa handicapped u kien imur jara lil ommu kuljum sakemm kienet go *home*, meta l-attrici jekk marret hames darbiet taraha, u hu kien dejjem wera rispett lejn il-kunjata.

Jikkonferma ukoll li dejjem ghen lit-tfal anke finanzjarjament. Ghall-kuntrarju, l-attrici kecciet lil R u lit-tfajla tieghu mid-dar u kellhom imorru jikru post meta diga' ghandhom bizzejjed spejjes taghhom. Lir-R waslet sa anke qattghatu mill-wirt u kitbet kollox lil C.

Isemmi ukoll li l-attrici mhix popolari bhala ghalliema fil-kindergarten u hafna genituri jilmentaw li ma jriduhix. Meta bdiet tilmenta dwar dawn il-genituri, il-konvenut ighid li fakkarha li probabilment saru jafu dwar il-passat kemmxejn mhux sabih tal-attrici u minn hemm ghalqet halqha.

Il-konvenut ikompli jinnega l-allegazzjonijiet tal-attrici li huwa kien sakranazz u li kien jabbuza mill-attrici kemm mentalment kif ukoll fizikament. Anzi jghid li t-tfal kienu minn mitt ghajnejh u kien anke lahqu ghaliex illum it-tifla avukata, filwaqt li t-tifel jahdem bhala mekkanik. Izid ighid li ma setax ikun sakranazz meta kien ihobb jipprattika l-insib ghall-ghasafar, il-kacca u anke jistad bil-harpoon.

**<u>Firda Finanzjarja</u>**

Wara zmien tiehu hsieb it-tfal, l-attrici kienet bdiet tahdem bhala kindergarten teacher f'Ottubru, 1988. Kien induna li l-attrici kienet

qed tonfoq hafna flus u dan meta kien jaghmel paragun ma' shabu. Kien ipprova jkellimha u ddecidew li kulhadd jiehu hsieb dak li hu tieghu u kienu damu hekk ghal zmien twil. Kienu argumentaw fuq l-ispejjes tax-xirja li kienet taghmel l-attrici u hadet ghaliha u rrifjutat li tkompli taghmilha hi. Ghalhekk il-konvenut beda jaghmilha hu u nduna li kienet tigi ferm anqas. Kien induna ukoll li mal-kontijiet tad-dar kienet qed idahhal ukoll ix-xiri personali taghha.

Izid ighid li hu kien dejjem ihallas il-kontijiet tad-dawl u ilma, izda meta mar ighix maz-zija kien beda jirresisti li jhallashom kompletament peress li ma kienx qed jaghmel uzu minnhom. Kien offra li jhallas terz minnhom, izda riedet il-flus u rrifjutat. Il-konvenut jammetti li ma kienx dispost li jhallashom sakemm ma jiftehmux.

**<u>Aspett Patrimonjali</u>**

Il-konvenut jinnega li l-attrici kienet tip ta' *superwoman* li kienet taghmel tlett impjiegi f'gurnata u fil-fatt ma resqitx provi f'dan is-sens.

Dwar id-dar matrimonjali "EverGreen," Triq 23 ta' Lulju, 1942, ighid li sar jaf li kien hemm l-art li fuqha nbniet dina l-proprjeta' tramite l-Perit Karmenu Vella li kien habib tieghu. Peress li kien ighix l-Ingilterra u kien xtara l-proprjeta' Paceville, il-Perit kien issuggerielu sabiex jixtri l-art fuq isem haddiehor u peress li kien jafda lill-attrici kien qallha sabiex tidher hi fuq il-kuntratt pero' hu kien iffinanzja dan l-akkwist.

Jinnega l-verzjoni tal-attrici li qatt ma kellhom l*oans*, ghaliex effettivament kellu l*oans* mal-Bank of Valletta. Ic-cens ighid li kienu jhallsuh bejniethom. Dwar il-mobbli jghid li dawn gew mixtrija mill-Inghilterra u tnizzlu bil-katamaran u tpoggew gewwa l-appartment ta' Paceville. Ma setax jipprova dan kollu ghaliex l-attrici kienet hadet id-dokumenti u l-ircevuti kollha.

Dwar l-appartament ta' Paceville, tghid li kien hareg il-flus sabiex xtrah. Fil-fatt kienu ftehmu mal-vendituri li mal-kuntratt f'Malta jigu iddepositati s-somma ta' 6,000 sterlina fil-kont tal-venditur u hekk gara.[1]

Il-konvenut jinsisti li l-attrici m'ghandha ebda dritt ta' sehemha mill-appartament ta' Paceville ghaliex dina kienet parafernali. Mill-fondi tal-bejgh ta' dan l-appartament kien ghadda parti mill-flus lit-tfal u neputijiet. Kien anke ghadda €6000 lill-attrici sabiex tixtri curkett tad-djamanti.

Il-konvenut ikompli jispjega li meta gew biex jifdu c-cens gravanti l-fond Evergreen, in-nutar kien spjegalhom li l-interessi huma tat-tnejn minn proprjeta' parafernali u ghalhekk kien ghaddielha sehemha ta' 900 Euro, izda l-attrici qatt ma kienet ghaddieltu xejn u wara sar jaf li kienet dawret kollox fuq it-tifla.

Sunflower Flats, Qrendi Rd, Zurrieq illum waslu ghall-ftehim fuq dawn l-appartamenti.

[1] Dok. Q1

**Deheb  u Gojjelli**

Dwar id-dehebijiet u gojjelli jinnega li kollox xtrat l-attrici u jekk xtrat xi affarijiet dawn kienu bil-flus tal-komunjoni. L-oggetti, 1, 2, 10  u 14 jinsisti li xtrahomlha hu u oggetti 3 u 4 kienu nxtraw meta zzewwget it-tifla. Hemm ftit ircevuti biss fuq isimiha fil-fatt.

Ighid ukoll li l-attrici nesiet isemmi li kienu ukoll xtraw vettura gdida Volvo meta kienu joqoghdu l-Inghilterra.

Kien mar xahar it-Tajlandja u meta gie lura sab li l-attrici kienet marret tghix fil-maisonette li kien hemm fuq il-garaxx u kienet biddlet is-serratura. Kien ghalhekk li mar jaghmel rapport u ghamel kawza fuq l-affarijiet li gew misruqa mid-dar matrimonjali, fejn b'sentenza tal-Magistrat Calire Zammit Stafrace deciza fis-26 ta' April, 2016 giet ordanta tirritorna lura dawn l-oggetti li kienet serqet. Minkejja dan sallum l-attrici ma kinitx irritornat lura dawn l-oggetti. Dan juri kemm l-attrici hija persuna inaffidabbli u kemm mhux minnu li hu bniedem vjolenti ghaliex kieku ma kinitx tazzarda tiehu l-ogggetti.

Il-konvenut jikkonferma li kienu zzewwgu fit-22 ta' April, 1979. Jikkonferma ukoll li kemm hu kif ukoll l-attrici kienu jghixu l-Inghilterra u t-tnejn li huma kienu mizzewwgin qabel. In kontro-ezami jammetti li kien mar il-habs darba biss u kien dam bejn sitt xhur u tmien xhur. Jinnega li kien mar iktar minn darba l-habs u li kien gie anke akkuzat fuq serq.

Jispjega li kien spicca wehel  il-habs ghaliex kien ighix ma' prostituta u kien allegatament ihaddimha u jiehu l-flus, pero' jichad dan, tant hu hekk li fl-appell kien gie liberat.

Jikkonferma li kien iltaqa' mal-attrici hawn Malta, imbaghad kienet telghat l-Inghilterra. Ighid ukoll li kienu xtraw appartament f'Paceville ghall-valur ta' sitt elef lira Maltin minghand koppja Ingliza, izda jinnega li kienu xtrawh sabiex imorru joqoghdu fih wara li jizzewwgu. Imbaghad ikkonferma li l-post kien inxtara ghall-erbat elef lira Maltin, u tmien mija Maltin ghall-ghamara.

Kienu damu jghixu flimkien sakemm iddecidew li jizzewwgu. Jichad li kienet l-attrici li hallset ghal dan il-post u jghid dan kien peress li ma kellhiex flus ghax kienet ghadha hierga mill-iskola. Jinsisti li kien hu li ghamel dan il-pagament u kien hallas kollox f'daqqa.

Wara li zzewwgu jikkonferma li kienu marru jghixu fil-post ta' Paceville u kienu damu jghixu hemm ghal tlett snin. Ighid li meta akkwistaw dan il-fond kien ghadu qed ighix l-Inghilterra, minkejja li fil-kuntratt ta' akkwist ma kienx hemm xejn imnizzel u minflok ighid li kien joqghod iz-Zurrieq.

Jammetti li kien biegh dan il-fond fil-21 ta' Ottubru, 2011 ghall-valur ta' €111, 810  u jaqbel li ma kinitx dehret l-attrici mieghu fuq dan il-kuntratt peress li kien xtara l-fond hu qabel iz-zwieg. In kontro-ezami jinnega li ma kienx taha parti mill-flus lill-attrici. Ighid kien halla c-cekk fuq il-mejda u spicca li ddepositawhom.

Dwar l-akkwist tal-art iz-Zurrieq ighid li dina kienet dehret l-attrici fuq il-kuntratt. Kien baghat il-flus mill-Inghilterra lil missier l-attrici u dak iz-zmien ma kinux ghadhom mizzewwgin.

Izid ighid li meta twieldet it-tifla C  fl-1980 kienu ghadhom ighixu Paceville. Dak iz-zmien l-attrici kienet tahdem  u ghamlet madwar tletin sena kindergarten assistant.

Jammetti li meta kienu jghix Paceville kienu johorgu ta' spiss hemm u dwar jekk kienx imur wahdu meta marru jghixu z-Zurrieq, jammetti li gieli mar hemm u dan peress li kellu post u kien imur jigbor il-kera. Jikkonferma ukoll li omm l-attrici kienet izommilhom it-tfal u kienu johorgu sa Paceville.

Jinnega li ma kienx jakkumpanja lill-attrici lejn l-Appogg u l-Caritas, peress li t-tifel R  kellu problema bid-droga. Jikkonferma li t-tifel kien ser jikkommetti suwicidju ukoll u kienet l-attrici li kienet marret hdejh l-Irlanda.

Jikkonferma ukoll li kien isiefer 'l boghod bhat-Tajlandja u dejjem mar wahdu.

**<u>Konsiderazzjonijiet</u>**

Illi dina l-Qorti regghet ikkunsidrat il-provi li ngabru fil-kaz in kwistjoni u kif ikkunsidrati fis-sentenza li nghatat fid-19 ta' Novembru, 2023, liema sentenza giet irrevokata, kif ukoll l-affidavit tal-konvenut, kif ukoll il-kontro-ezami li sarlu in kwantu d-decizjoni tal-Qorti tal-Appelli tal-11 ta' Jannar, 2024.

**<u>Responsabbilita'</u>**

Il-konvenut jipprova jirribatti l-allegazzjonijiet tal-attrici li hu sakranazz u ma kienx jiehu hsieb il-familja. Isemmi li kien iqatta' hafna hin maghhom u anke fil-weekend u qatt ma hallihom nieqsa mill-flus. Jinnega li qatt ma kien hemm ghat-tifel R biex jeghleb il-

problema tad-droga, izda jinsisti li hu ried jitla' hdejh meta ghamel attentat ta' suwicidju u minflok riedet titla' l-attrici.

Il-konvenut ma ressaq ebda xhieda ohra sabiex jissostanzja l-verzjoni tieghu u ghalhekk quddiemha dina l-Qorti ghandha biss terga' tikkunsidra x-xhieda tieghu, flimkien mal-kontro-ezami fil-kuntest tax-xhieda l-ohra.

Ghalkemm, tul ix-xhieda tieghu, il-konvenut ikompli jinsisti li ma kellux problemi ta' xorb u li kien iqatta' hafna hin mal-familja, fil-weekends, kemm fis-sajf kif ukoll fix-xitwa.

Dr. Charles Azzopardi, fil-kapacita' tieghu ta' *family therapist* li kien isegwi l-partijiet jikkuntraja dak li xehed il-konvenut, in kwantu jghid li l-konjugi G  kienu jmorru ghandu minhabba dizgwid ghax il-konvenut kien johrog hafna wahdu u kien jixrob. Dwar jekk kienx alkoholiku jghid dan ma setax jikkonstatah ghax kollox jiddependi mill-percezzjoni tan-nies. Huwa risaput ukoll mix-xhieda ta' Dr. Azzopardi, li ghalkemm il-partijiet kienu jergghu jwieghduh li ser jaraw kif jaghmlu sabiex jirrikonciljaw kienu jergghu jmorru ghandu bl-istess problema, sakemm l-attrici ghajjiet u ddecidiet li tissepara. Kemm il-darba kienu jergghu jmorru ghandu kien jipprova jispjegalu l-importanza li ma jkunx assenti minn mal-familja.

In vista tal-fatt li ma jirrizultawx provi soddisfacenti sabiex dina l-Qorti tista' terga' tvarja d-decizjoni taghha fuq ir-Responsabbilita' ser terga' tikkonferma dak li kien gie deciz minn dina l-Qorti fis-sentenza taghha tad-19 ta' Novembru, 2023 , liema sentenza giet

irrevokata mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha tal-11 ta' Jannar, 2024.

**Komunjoni tal-Akkwisti**

Rigward il-komunjoni tal-akkwisti jirrizulta li *pendente lite*, il-partijiet kienu waslu fi ftehim fuq id-diversi assi, ghajr ghad-dar matrimonjali u cioe' 28, "Evergreen," Triq 23 ta' Lulju, 1942, Zurrieq, kif ukoll ghall-maisonette "Whitestone," li nbena fuq l-arja tal-garaxx adjacenti ghad-dar matrimonjali.

Hemm verzjonijiet kontrastanti rigward dina d-dar matrimonjali u dan meta l-attrici tinsisti li dina d-dar "Evergreen" hija parafernali taghha peress li kienet akkwistatha minnn flus li kienet gemmghat waqt li kienet tahdem xi tlett impjiegi meta kienet tghix Londra. Da parti tieghi l-konvenut jinsisti li dina d-dar hija parafernali ghalih peress li kien sar jaf dwar l-art minghand il-habib tieghu l-Perit Karmenu Vella. Kien baghat il-flus mill-Inghilterra lil missier l-attrici li kien ha hsieb l-akkwist ta' dina l-art.

Jinsisti anzi li kien ha parir minghand il-Perit Vella, li peress li kien ighix l-Inghilterrra u diga' kellu proprjeta' Paceville, kien ahjar li tidher l-attrici fuq il-kuntratt ta' akkwist. Il-konvenut kellu kull opportunita' sabiex iressaq kemm il-Perit Vella kif ukoll in-Nutara sabiex isahhah il-verzjoni tieghu, izda naqas milli jaghmel dan u ghalhekk l-aqwa prova li ghandha l-Qorti quddiemha hija li l-attrici ghandha titolu ta' sid tal-art u kwalsiasi spejjes relatati mal-bini tal-istess art saru minn flusha. Ghal darb'ohra ma jirrizultawx provi sabiex jippruvaw il-kuntrarju.

Ghalhekk dina l-Qorti ser ikollha tghaddi sabiex terga' tikkonferma dak li kienet diga' ddecidiet in kwantu jirrigwarda li d-dar "Evergreen," flimkien mal-garaxx u l-maisonette "Whitestone," huma proprjeta' parafernali tal-attrici u jezisti biss il-kreditu ghas-somma ta' €2702.10, li minnhom l-attrici trid thallas il-konvenut sehemhu li jammonta ghal €1,351.05.

**DECIDE:**

Ghaldaqstant, ghal dawn il-motivi, dina l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:-

1.Tilqa' l-ewwel talba attrici minhabba ragunijiet imputabbli lill-konvenut kif spjegati u decizi fl-intestatura « Responsabbilita' ».

2.Tilqa' t-tieni talba attrici u tordna l-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti kif fuq imfisser, filwaqt li tastjeni li tiehu konjizzjoni tax-xoljiment stante li gie ordnat b'sentenza ta' dina l-Qorti.

3. Tichad it-tielet talba in parte, in kwantu tordna li l-konvenut iddekada mid-dritt tieghu li jitlob manteniment minghand l-attrici.

4. Tilqa' r-raba' talba attrici u tawtorizza lill-attrici sabiex tghix fid-dar matrimonjali "Evergreen", Triq it-23 ta' Lulju 1942, Zurrieq, ad

eskluzjoni ukoll bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 55 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

5.Tilqa' l-hames talba attrici u tordna l-assenjazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti kif fuq imfisser.

6. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tas-sitt talba, in kwantu l-partijiet kienu waslu ghal ftehim fuq parti mill-komunjoni, u l-Qorti ippronunzjat ruhha fuq ir-rimanenti.

7. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tas-seba' talba, kwantu kien intlahaq ftehim bejn il-partijiet.

8. Tilqa' t-tmien talba, u tinnomina lin-nutar Ian Spiterisabiex jippubblika l-atti relattivi, u kuraturi deputati sabiex jirrappresentaw lill-eventwali kontumaci, jekk jkun il-kaz.

9. Tilqa' d-disa' talba.

L-ispejjez ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**Onor. Imhallef Dr.Anthony J. Vella** **Registratur**